

- 2) Interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata ta' klawżola kuntrattwali u evalwazzjoni manifestament żbaljata tal-provi
- Il-Qorti Ĝeneralni interpretat b'mod żbaljat il-Klawżola II.22, kontrolli u reviżjonijiet tal-kontabbiltà, prevista fl-Anness II tal-ftehim iffirmat, u żbaljatament ċaħdet it-talba tar-rikorrenti/appellant.
- 3) Evalwazzjoni manifestament żbaljata tal-provi u nuqqas ta' motivazzjoni
- Il-Qorti Ĝeneralni wettqet żball sa fejn hija manifestament ma ħaditx inkunsiderazzjoni provi ewlenin prodotti mir-rikorrenti u ammessi mill-appellata.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju**

(Kawża C-543/17)

(2017/C 374/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Hottiaux, L. Nicolae, G. von Rintelen, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju

**Talbiet**

- tikkonstata li billi ma adottax, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2016, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrativi kollha neċċesarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispipa għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċiṭà għolja (ĠU L 155, p. 1), jew, fi kwalunkwe każi, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva;
- tikkundanna lir-Renju tal-Belġju, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, għall-ħlas ta' penalità fl-ammont ta' EUR 54 639,36 kuljum dekoribbli mid-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża odjerna għal nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li jikkomunika l-miżuri ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/61/UE;
- tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-Istati Membri kienu obbligati, skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/61/UE li jadottaw il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2016. Il-Kummissjoni tqis li r-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont din id-dispożizzjoni.

Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni pproponiet li r-Renju tal-Belġju jiġi kkundannat għal penalità ta' kuljum fl-ammont ta' EUR 54 639,36.

---

**Digriet tal-President tat-Tieni Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Verwaltungsgerichtshof – l-Awstrija) – Umweltverband WWF Österreich vs Landeshauptmann von Tirol**

(Kawża C-663/15)<sup>(1)</sup>

(2017/C 374/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 111, 29.3.2016.